MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 5/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. D'Anastas)**
**Vs**
**Emanuel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Hal Qormi u/jew f'dawn il-Gzejjer naqas li jhallas il-manteniment dovut lil martu Mary Rose Bugeja kemm ghaliha u ghal bintha minuri Jennifer Bugeja ghax-xahar ta' Mejju 2003 meta hekk miftiehem ai termini tal-Artikolu tlieta tal-Kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Mejju 2002 in atti Nutur Dr. Richard Vella Laurenti LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 338z, 17 (c) u 7 (2)(a) tal-Kap 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant f' din il-kawza – li huma identici *"verbatim"* ghall dawk fil-kawzi l-ohra kollha fl-istess ismijiet li qed jigu decizi llum – huma s-segwenti :- li l-aktar punt krucjali li dahlet fih l-Ewwel Qorti kien fejn qalet li l-appellant huwa aggancjat f'pika mall-kwerelanti w ha decizjoni li ma jakkordax manteniment lil martu w bintu ghax jahseb li ghandha relazzjoni ma haddiehor, mentri dan mhux minnu u sahansitra fil-mori tal-kawza kien ghamel proposta li kien lest li jghaddi n-nofs tan-nuda proprjeta' tad-dar konjugali lil martu ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha passati taghha , izda martu trid biss il-flus. Li martu u bintu qed jahdmu; li l-fatt li hemm ragel barrani huwa sekondarju ghal dan il-kaz imma lanqas ma huwa sewwa li bil-manteniment gholi li hu jaghti , jitpaxxa terza persuna a skapitu tieghu ; li l-piena hija gravuza u aktar ser taggrava il-pozizzjoni tieghu ghaliex huwa ghandu negozju li bhal issa sejjer lura hafna w aktar jigi f'qaghda aghar.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xhieda ta' mart l-appellant ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat illi tat differiment bit-tama li l-appellant jigi in regola qabel ma din il-Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza w b'hekk ikun intlahaq l-iskop ewlieni tal-ligi fir-rigward ta' dawn il-kawzi ;

Rat li pero' sal-lum l-appellant naqas li jaghmel dan ;

Ikkonsidrat ;

Illi fl-ewwel lok il-Qorti, ghall-precizjoni ,tixtieq tirrileva li, ghalkemm ma hemmx aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell , ic-citazzjoni kienet tirriferi ghall-"kuntratt ta' separazzjoni datat 23-5-2002 in atti Nutar Dr. Richard Vella Lawrenti LL.D." (Sic!), mentri mill-provi w mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt dan il-kuntratt igib id-data tat-23 ta' Mejju, 2000. Pero' , kif diga' irriteniet din il-Qorti diversament preseduta f' kawza ohra deciza fil-konfront tal-appellant odjern (**"Il-Pulizija vs. Emmanuel Bugeja**" [1.11.2002] per V. De Gaetano C.J.), fejn dan l-izball kien gie mressaq bhala aggravju mill-appellant odjern , tali aggravju kien infondat ghaliex kif qalet din il-Qorti *"Id-data '2002' hi evidentement lapsus calami tal-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-imputazzjoni …Inoltre l-provi kollha mismugha mill-Ewwel Qorti jirriferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju, 2000 u kif gja inghid giet esebita anki kopja ta' dan il-kuntratt…Ghalhekk l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti ."* Ghalhekk din il-Qorti thoss li anki f' din il-kawza , dan l-izball m'ghandu b'ebda mod jibbenefika lill-appellant ghaliex hu kien konsapevoli ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat .

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant li l-Ewwel Qorti qieset biss il-fatt li l-appellant huwa iggancjat f' pika ma martu u minnhabba f'hekk ma kienx qed jatiha manteniment , dan xejn mhu korrett . Di fatti l-Ewwel Qorti tat sentenza elaborata hafna fejn qieset l-eccezzjonijiet u d-difizi jew attenwanti kollha imqajjma mill-appellant f' din il-kawza u fil-kawzi l-ohra kollha li kienu qed jinstemghu kontestwalment . Bdiet biex ikkonstat li mix-xhieda ta' Mary Rose Bugeja kien irrizulta li l-appellant kien naqas li jhallas il-manteniment , fatt li del resto ghadu jipperpetwa ruhu sal-lum u li ma jidhirx li qed jigi kontestat mill-appellant. Imbaghad semmiet li l-appellant kien xehed li hu kien naqas li jhallas il-manteniment lil martu w bintu minnhabba l-qaghda finanzjarja tieghu w semmiet ukoll li hu kien esebixxa l-accounts tal-kumpanija tieghu . Semmiet ukoll li hu kien xehed li behsiebu jintavola

proceduri quddiem il-Qorti Civili ghat-tnaqqis tal-manteniment u li kien gja intavola kawzi ohra dwar dan . Semmiet ukoll l-Ewwel Qorti li l-appellant kien qed jilmenta illi uliedu warrbuh u ma jridux jafu bih . Semmiet ukoll l-Ewwel Qorti li kienet tat diversi differimenti biex forsi jintlahaq ftehim u jsir il-hlas dovut, imma ghalxejn .

Imbaghad , wara li qieset il-pozizzjoni kollha taz-zewg nahat , l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li l-vera raguni ghala l-appellant ma kienx qed ihallas il-manteniment kienet ghax "*huwa iggancjat f'pika bla tarf mall-kwerelanti u li ha decizjoni, tajjeb jew hazin , li ma jakkordax manteniment lil martu w bintu . Dan ghaliex hu tal-fehma li martu ghandha relazzjoni ma haddiehor."* Inoltre l-Ewwel Qorti ziedet tghid li "*ma tista' b'ebda mod taccetta sitwazzjoni fejn ragel mizzewweg jaqbad u jiddeciedi li ma jakkordax manteniment ghal kwalunkwe raguni minghajr ma jiehu l-passi necessarji sabiex , jekk ghandu ragun , dan jiehdu b'mod legittimu – u mhux b'idejh , in vjolazzjoni tal-ligi tal-pajjiz."*

Inoltre l-Ewwel Qorti ghaddiet biex ukoll tittratta f' kap separat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti – konsiderando li din kienet kawza sommarja – altru milli mmotivat il-konkluzzjonijiet taghha w, jekk warrbet l-iskuzanti w eccezzjonijiet sollevati mill-appellant , dan ghamlitu ghax kienet qed issegwi gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati fir-rigward u ghamlet apprezzament ta' fatt dwar il-motivazzjoni tal-appellant li kellha kull dritt li taghmel u li din il-Qorti tikkondividi.

Illi l-appellant fil-kors tat-trattazzjoni orali ghamel riferenza ghall-fatt li l-appellant kien intavola kawza quddiem il-Qorti Civili kompetenti , fid-29 t' Ottubru, 2003 , fejn talab li dik il-Qorti tbiddel, tirrevoka jew tnaqqas il-manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni , kopja ta' liema citazzjoni w dikjarazzjoni akkompanjanti giet esebita fil-process quddiem l-Ewwel Qorti . Imma apparti li din il-kawza giet prezentata ferm wara z-zmien meta l-appellant suppost li hallas il-manteniment li ghalih qed jigi mharrek

f' din il-kawza w xejn ma jidher li kien sollerti biex jibda dawn il-proceduri , kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**" [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghal-sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. **Pul. vs. Anthony Saliba**; [15.7.1998] ), *"fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment .* ***U biss wara li jottjeni tali modifika*** *, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet*." (emfasi tal-Qorti).

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza w dak li jiddisponi l-artikolu 338(z) tal-Kap.9 , hu ovvju li dak li japplika ghall-varjazzjoni ta' digriet jew sentenzi tal-Qorti japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-manteniment ikun gie miftiehem b'kuntratt ta' separazzjoni. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Norbert Borg**" [30.4.2003] ) . Bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu .

Kienet x'kienet is-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellant , dan imissu agixxa tempestivament biex, jekk verament kien hemm kambjament fis-sitwazzjoni finanzjarja tieghu , jiehu l-passi kollha bis-sollerzja w insistenza dovuta halli jibdel l-obbligu kuntrattwali minnu assunt . Meta jirmexxielu jottjeni sentenza f' dan is-sens biss ikun intitolat li jieqaf milli jhallas il-manteniment pattwit.

L-istess ovvjament jinghid fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-appellant li martu w bintu qed jahdmu w dwar l-allegazzjoni li martu ghandha xi relazzjoni ma haddiehor.

Hu ma jistax jaqbad u jvarja unilateralment dak li kien intrabat li jaghmel bil-kuntratt ta’ separazzjoni .

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena , din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi u zgur li ma hix wahda eccezziva meta wiehed jikkonsidra il-massimu tal-piena tad-detenzjoni li seta’ jehel l-appellant kif ukoll il-fatt li dan ma kienx incident wiehed izolat fejn hu naqas li jhallas il-manteniment , imma li hu ilu ma jhallas mill-20 ta’ Lulju, 2001 u sal-lum ghandu jhallas is-somma ta’ hamest elef seba mija w hamsin lira Maltin (LM5750) f’ arretrati . Il-Qorti qieset ukoll li l-appellant gja kellu sentenza ta’ detenzjoni konfermata – sija pure ridotta – minn din il-Qorti preseduta mill-Prim Imhallef V. De Gaetano bis-sentenza fuq citata, fejn dik il-Qorti kienet irriteniet li n-nuqqas ta’ l-appellant ***“kien wiehed kapriccuz u ghalhekk il-piena ghandha tkun dik karcerarja”***. Ghalhekk anki l-aggravju dwar il-piena qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------